MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 247/2012

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

***kontra***

**Neville Spiteri (ID 228369M) u Michelle Spiteri nee Saliba (ID 367671M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fis-6 ta` Marzu 2012 li jaqra hekk –

*Illi permezz ta` kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat datat 19 ta` Dicembru 2006*

*(Dok HSBC1 hawn anness) l-intimati Neville Spiteri u Michelle Spiteri nee Saliba gew konfermati debituri tal-Bank rikorrent ;*

*Illi ghalkemm saru diversi pagamenti baqghu debituri tas-socjeta` rikorrenti ;*

*Illi ghaddew izjed minn tlett snin mid-data ta` l-istess kuntratt u s-socjeta` rikorrenti qeghda permezz tal-prezenti titlob l-awtorizzazzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti ai termini ta` l-artikolu 258© tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tal-intimati ghall-bilanc li ghadu dovut ;*

*Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli qorti tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tghaddi ghall-ezekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn tlett snin mid-data ta` l-istess kuntratt u li d-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ait termini tal-Artikolu 258© tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta li jipprovdi li r-rikorrent ghandu : "jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn … li jkun qieghed ifittex l-esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut."*

Rat id-dokument illi kien esebit mir-rikorrenti mal-att promotorju.

Rat illi ghalkemm l-intimati kienu debitament notifikati skond il-ligi, huma baqghu ma ppresentawx risposta u ghalhekk kienu fi stat ta` kontumacja.

Semghet ix-xiehda tal-Prokuratur Legali Catherine Fenech fl-udjenza tal-11 ta` Ottubru 2012, ghal liema udjenza, l-intimati baqghu ma dehrux.

Rat id-digriet taghha moghti fl-imsemmija udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

## II. Dritt

Skond l-**<u>Art.253 (b) tal-Kap.12</u>**, *huma titoli esekuttivi … l-kuntratti rcevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt.*

Skond l-**<u>Art.258(c) tal-Kap.12</u>,** *wara …l-gheluq ta' tliet snin minn dak in-nhar li fih skont il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) … tal-artikolu 253 …seta' gie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut.*

**Ikkunsidrat :**

## III. Risultanzi

Ghax il-kontumacja hija meqjusa fid-dritt bhala kontestazzjoni, din il-Qorti qieset b`reqqa l-kontenut tar-rikors promotorju, li kien konfermat bil-gurament skond il-ligi minn rapprezentant tal-bank rikorrent. Qieset ukoll b`reqqa d-dokument li kien anness mal-istess rikors promotorju.

Billi l-kuntratt tad-19 ta` Dicembru 2006 bejn il-bank rikorrent u l-intimati huwa konformi mal-Art.253(b) tal-Kap.12 ;

U billi l-bank rikorrent ssoddisfa l-prova mistennija mill-Art.258(c) tal-Kap.12 ;

U billi l-istanza tal-bank rikorrent tirrizulta fondata fil-fatt u fid-dritt ;

**Din il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tal-bank rikorrent kif dedotta, u konsegwentement qeghda tirrendi ezegwibbli l-kuntratt bejn il-partijiet tad-19 ta` Dicembru 2006 fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat, li kopja tieghu hija annessa minn fol 2 sa fol 6 ta` dan il-procediment.**

**Tordna lill-intimati sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------